**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 14 ta' Jannar 2025**

**Rikors guramentat nru ; 230 /2022 AGV**

**CC**

**Vs**

**WC**

**Il-Qorti ;**

**Rat ir- Rikors Ġuramentat** ta'  **CC**

Tesponi bir-rispett u bil-ġurament tagħha tikkonferma:

1. Illi l-kontendenti kellhom relazzjoni li minnha twieled l-iben minuri JC  fit-12 ta' Novembru 2005 u ġie rikonoxxut mill-konvenut bħala missieru u liema minuri llum se jagħlaq sbatax-il (17) sena, kif jirriżulta miċ-ċertifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat bħala 'Dok A';

2. Illi r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet spiċċat fl-2019, b'dan illi l-esponenti flimkien ma' binha ħarġu mir-residenza tal-intimat missier u ċioè minn Block H, Flat 1, Qasam ta' Ganza, Triq il-Ħuxlief, Iż-Żejtun.

3. Illi minn dakinhar il-missier naqas u għadu sal-lum jonqos milli jagħti manteniment jew kwalsiasi kontribuzzjoni favur ibnu  JC  u dan minkejja li ibnu Jael jixtieq ikompli l-edukazzjoni post sekondarja tiegħu (ġjaladarba l-missier jiffirma l-formoli relattivi sabiex ikun jista' jagħmel dan).

4. Illi inoltre l-esponenti kellha u għad għandha diffikultajiet kbar u ma kelliex il-mezzi sabiex wara l-għeluq tal-medjazzjoni bin-numru: 275/2022 tipproċedi bil-kawża odjerna immedjatament. Illi permezz tad-digriet datat il-31 ta' Awwissu, 2022, dina l-Onorabbli Qorti ddikjarat il-medjazzjoni magħluqa b'awtorizzazzjoni lill-partijiet sabiex jipproċedu b'kawża. [**Dok: B**] Illi għalhekk qiegħda tintavola r-rikors odjern fit-termini mpost bil-liġi u wkoll in linea mad-digriet ta' nhar is-6 ta' Ottubur, 2022 in atti tal-Ittra Numru 275/22.

5. Illi llum wara li tali relazzjoni spiċċat, minħabba l-komportament stinat u abbużiv tal-missier, ir-rikorrenti qed issib lilha nnifsha f'diffikultajiet kbar għaliex ma tistax tieħu deċiżjonijiet fl-aħjar interess ta' binha minuri u dan għaliex il-kura u kustodja tal-iben minuri għada sal-lum il-ġurnata konġunta.

6. Illi l-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali - Seduta tal-Familja kontra l-intimat għadhom pendenti. Illi f'tali proċeduri jinsabu involuti l-Appoġġ u sar ir-Risk Assessment relattiv.

7. Illi fost oħrajn l-istess esponenti kostretta li titlob il–kunsent permezz tal-firma tal-missier, qua intimat għall-applikazzjonijiet edukattivi fost oħrajn, liema kunsens il-missier qiegħed arbitrarjament jiċħad li jagħtih u dan sabiex jeżonera ruħu milli jħallas manteniment ulterjuri ġjaladarba ibnu jagħlaq it-tmintax

(18)-il sena.  Jiġi sottolineat madanakollu illi sal-lum l-intimat għadu qatt ma vversa manteniment favur ibnu. .

8. Illi għaldaqstant l-esponenti kienet kostretta tiftaħ din il-kawża minħabba numru ta' fatturi, primarjament dik li d-diversi tentattivi bejn il-legali tal-partijiet sabiex tali dokumentazzjoni / applikazzjoni relatati mal-edukazzjoni tal-minuri tiġi ffirmata mill-missier, qua intimat, l-istess missier baqa' jirrifjuta u dan mingħajr ebda raġuni valida fil-fatt u fid-dritt.

9. Illi l-esponenti xtaqet tasal fi ftehim permezz tal-medjazzjoni fir-rigward ta' kura u l-kustodja, ir-residenza u d-domiċilju, il-manteniment, l-aċċess u aspetti oħra li jirrigwardaw lill-minuri, tali proċeduri ma kinux suċċess u, għall-kuntrarju, it-tensjoni bejn iż-żewg partijiet żdiedet tant li r-rikorrenti kellha tintavola dawn il-proċeduri;

10. Illi din l-attitudni qiegħda wkoll timmanifesta ruħha fil-ħajja tal-minuri fis-sens illi filwaqt li l-minuri kien diġà jbati b'kumplikazzjonijiet ta' saħħa, speċifikament dik psikoloġika, l-istess minuri qiegħed isofri minn anzjetà u ċerta sens ta' rabja stante li ġie kostrett mill-intimat li ma jibdiex skola, peress li l-firma relattiva qatt ma ġiet mogħtija. Dan qed jikkaġuna preġudizzju serju fuq l-istess minuri u rigress fir-relazzjoni ġja ineżistenti ta' bejn il-Missier u l-iben minuri.

11. Illi r-rikorrenti taf b'dawn il-fatti personalment.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, ir-rikorrenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara illi l-kura u l-kustodja tal-minuri JC għandha tkun fdata esklussivament f'idejn ir-rikorrenti l-Omm;

2. Tordna li l-esponenti tingħata l-fakultà permezz ta' digriet *pendente lite* li tipproċedi bl-applikazzjoni relattiva mingħajr il-ħtieġa tal-firma jew awtorizzazzjoni tal-missier b'dan illi binha minuri JC ikun jista' jibda' l-edukazzjoni post-sekondarja tiegħu mal-Aġenzija Zgħażagħ mil-aktar fiss;

3. Tiddeċiedi li huwa fl-aħjar interess tal-minuri li l-minuri jibqa' jirrisjedi mar-rikorrenti;

4. Taħtar dawk l-esperti li jidhrilha xierqa sabiex jevalwaw bir-reqqa s-sitwazzjoni tal-minur JC, x-xewqat tiegħu, kif ukoll l-istat psikoloġiku u emozzjonali tiegħu, inkluż social workers u b'mod partikolari, psikologi sabiex jiddeterminaw is-sitwazzjoni u jidderminaw aċċess fl-aħjar interess tal-iben minuri;

5. Tiffissa s-somma ta' tlett mija u ħamsin (350) Ewro f'manteniment li l-konvenut għandu jħallas fix-xahar, jew dik is-somma li dina l-Onorabbli Qorti jidhirlha xierqa u opportuna u dan

permezz ta' pagament awtomatiku lil kont bankarju tal-Omm esponenti, fil-bidu ta' kull xahar bil-quddiem;

6. Iħallas tali somom f'manteniment b'lura mill-2019 sal-ġurnata li fiha jiġi ordnat li jibda jivversa manteniment favur ibnu minuri;

7. Tordna lill-konvenut iħallas għall-ispejjeż edukattivi u ta' saħħa tal-minuri;

8. Tordna lid-Direttur tas-Sigurtà Soċjali jħallas lir-rikorrenti kwalunkwe Supplimenti jew benefiċċji oħra pagabbli mill-Istat fl-interess tal-minuri;

9. Tagħti dawk l-ordnijiet u direzzjonijiet li jidhrilha xierqa u ta' ġid għall-minuri, skont ma jirriżulta mit-trattazzjoni tal-preżenti Rikors;

U dan taħt il-provedimenti kollha illi dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

**Bl-ispejjeż kontra l-konvenut u b'riżerva ta' kull azzjoni oħra spettanti lill-esponenti.**

**Il-Qorti ;**

**Rat ir- Risposta Guramentata ta' WC ;**

Jesponi bir-rispett u bil-gurament tieghu jikkonferma::-

1. Illi l-azzjoni attrici hija nfondata kemm bhala fatti kif ukoll bhala dritt, u ghandha tigi michuda bl-ispehjjez udan kif ser jirrizulta waqt is-smigh tal-kawza odjerna.

2. Illi ghandu jinghad illi il-minuri illum ghandu sbatax il-sena u dawn l-ahhar tlett snin minkejja li m`hemmx l-ebda provvediment moghti minn din l-Onorabbli Qorti ir-rikorrenti qieghda iccahad lill-esponenti milli jara jew jiltaqa mal-minuri ibnu JC u ghalhekk kwalunkwe decizjoni ta dina l-Onorabbli Qorti ghandha wkoll tipprovdi ghal access adegwat tal-minuri lill-esponenti.

3. Illi dwar it-talba ghall-manteniment l-esponenti jiddikjara illi huwa bblokkjat mill-mobile tar-rikorrenti u lanqas ghandu kuntatt maghha jew ma ibnu minuri u ghalhekk kien dejjem impossibli ghalih illi jittenta jivversa manteniment ghal-ibnu, u dan kif ser jirrizulta waqt is-smigh tal-kawza.

4. Illi inlotre, dawr manteminet il-minuri lanqas biss jikkuntataja lill-esponenti u dan bla dubju minhabba struzzjonijiet moghtija mir-rikorrenti u dan minkejja li l-esponenti kien ghadda flejjes lill-minuri

sabiex jjixtri card tal-mobile propju sabiex izommu kuntatt u kien sahnsitra ghadda lill-minnuri u dan f`zewg okkazzjonijiet isolati is-somma ta erba mitt ewro (€400) u mmitejn (€200) u dan bhala manteniment ghalih.

5. Illi dawr manteniment ukoll, is-sitwazzjoni finanzjaraja ta l-esponenti hija is-segwenti; u huwa jdahhal is-somma ta €1100 fix-xahar minn impjieg illi ghandu gewwa Daniel`s Complex Hamrun, illi minn din is-somma huwa jhallas €250 loan mal-bank fuq il-karozza, jghix ma ommu u allura jghaddila is-somma ta €200 fix-xahar , ghandu wkoll dejn ta bilanc ta madwar €2000 ma zijuh JZ  illi qed ihallsu madwar €300 fix-xahar (liema somma kienet originajarament ta €17,000 illi l-esponenti kien issellef minghand zijuh fuq medda ta zmien u propju sabiex ikun jista jghaddi lir-rikorrenti €100 fil-gimgha u €800  fl-ahhar tax-xahar mal-paga tax=xoghol sabiex tkun tista tmantni lilha innfizha u lill-minuri meta il-partijiet kienu ghandhom flimkien, jghixu mal-minuri ma ommu l-esponenti u l-istess rikorrneti ma kienet tikkontribwixxi propju xejn lura.

6. Illi inoltre fi zmien li l-partijiet kienu ghadhom flimkien ir-rikorrenti kienet sahansitra isselfet is-somma ta €3500 minghand omm l-esponenti propju sabiex takkwista vettura ghaliha liema somma baqghet ma thalliext lura mir-rikorrenti u din qieghed ihhallsuha ukol l-epsoneti f`rata ta €200 fix-xahar u dan kif ser jirrizulta waqt is-smiegh tal-kawza;

7. Illi madanakollu ghandyu jinghad illi l-esponenrti huwa dispost illi jikkontribwixxi ghal-manteniment ta ibnu izda dan ma ghandhux ikun

aktar minn €100 fix-xahar u dan fid-dawl tac-cirkostanzi finanazjarji li jinsab fihom.

8. Illi inoltre l-edukazzjoni tal-minuri l-esponenti jiddikjara li huwa ukoll dispost illi jiffirma l-appilkazzjoni indikata fit-tieni talba tar-rikorrenti ghalix huwa ghandu intreress illi ibnu jinghata it-tahrig u l-edukazzjoni illijixtieq izda jigi assigurat illi r-rikorrenti tara illi l-minuri jintbghat gahl dan ir-rikors u mhux ifalli kif kien qed jigri recentament bl-iskola (in partensi jinghad illi hafna mill-argumenti illi l-esponenti kien ikollu mar=rikoorneti kien ghaliex ma kienetx tibghatlu skola bil-konsegwenza li kienu jinhargulu numru ta citazjponijiet fuq l-esponent kienet fil-fatt issib hafna skuzi biex ma tibghatux u dan fid-dawl tal-kundizzjoni medika tal-minuri li jbati minn obsessive compulsory disorder).

9. Illi inolter dwar l-edukazzjoni tal-minuri ghandu jinghad ukoll illi ir-rikrrenti ftit li xejn kienet tgharraf lill-sponenti bl-andamet edukattiv tal-minuri u kien bissi sir jaf meta jircievi ic-citazzjoni jew ghax kienu jikkuntatawh mill-iskola u javzawh li l-minuri ma attendiex .

10. Illi lanqas ma hwa il-kaz illi l-esponenti jichad mill-kura u l-kustodja tal-minuri anzi din ghandha tibqa kongunta bejn il-partijiet stante li s-sitwazzjoni giet ipperepta ukiament bl-agir tar-rikorrenti u dana minn meta intemmet r-relazzjnoi ta bejnithom fis-sena 2019, fejn holqot hi stess sitwazzjoni ostili bejn il-partijiet bil-konsegwenza illi l-esponenti spicca ma jistax jikkuntatja lill-minuri jew lilha sabiex is=-sitwazzjoni giet tidher tali li huwa l-esponenti li ma jkkopera u huwa l-esponeti li qed jonqos mir-responsabbilitajiet lejn il-proceduri inkluz ukol l-incident isolati illi konsegweza tieghu hemm il-porceduri

kriminali li ghalihom saret riferenza fil-premessa numru sitta tar-rikor promotur ,

11. Illi ghandu jinghad ukoll illi il-minuri trabba mal-esponenti ghall erbatax il-sena shah , minghajr ebda problemi u kien biss mis-sena elfejn u dsatax u dan meta r-relazzjoni bejn il-partijiet intemmet illi beda jinqala id-dizgwiet bejn il-partijiet u mi nuri u dan kollu konsegwenza tal-ostalita mahluqa unikament mir-rikrrenti;

12. Illi di fatti kemm hu minnu da killi qed jghid ir-rikorrenti din l-Onorabbbli Qorti qed tigi mistedna tinnota wkoll il-fatt illi bhala indirizz taghha f dan ir-rikors ir-rikorrenti mhux qed tindika indirizz residenzjali taghha u minflok qed tindika l-indirizz bhala C/O tal-avukati taghha u cioe Borg & Associates Advocates 82 Suite no 1, Triq il-Melita , Valletta u dan propju sabiex tigi eskluza da parti taghha kwalnemwke komunikazzjoni bejn l-esponenti u r-rikorrenti u aktar u aktar bejn l-espoenti u l-minuri u dan sabiex tghaddi taghha illi kollox jigi ordnat u regolat bi provvedimenti minn din l-Onorabbli Qorti.

13. Salv risposti ulterjuri.

**Fatti**

1. **CC** tikkonferma li damet f'relazzjoni mal-konvenut ghall-erbatax-il sena u minn dina r-relazzjoni twieled tifel J , li llum huwa maggorenni.

Tghid li r-relazzjoni bejn J  u missieru l-konvenut marret ghall-aghar meta wara sentejn tal-pandemija fejn Jael ma kienx qed imur skola, izda wasal jipprepara ruhu sabiex jibda programm ta’ edukazzjoni mal-Agenzija Zghazagh, Minhabba li l-konvenut dam sabiex jiffirma l-formoli relattivi, J ma setax jibda l-iskola ma’ shabu u kellu jibda f’Jannar 2023.

Tinnega l-allegazzjoni li ma kintix tibghat lil J l-iskola b’mod regolari, izda tispjega li ma kienx qed jattendi minhabba l-pandemija u wara meta setghu jidhlu kien beza minhabba l-mikrobi u dan kien sostnut mit-tobba ta’ J u fil-fatt qatt ma ttiehdu proceduri fil-konfront taghha.

Tghid ukoll li minhabba d-dilungar tal-konvenut J  gie kostrett li ma jkunx jista’ jsegwi certu korsijiet bhal EDCL.

**Manteniment**

Mill-1 ta’ Jannar, 2019, il-konvenut kiien ighaddilha €1200 fix-xahar ghall-hajja u minnhom kienet tiehu hsieb is-sahha u l-edukazzjoni tat-tifel, kif ukoll il-bzonnijiet ta’ kuljum.

Kien igib €100 fil-gimgha kontanti mil-paga tieghu li kien jjrcievi mill-impjieg tieghu ma’  CA  u l-bqija kienu jingibdu mill-paga li kien jircievi mill-impjieg tieghu ma’ Daniels Shopping complex . Minn dawn il-flus li kienu jigu ddepositati, il-konvenut kien jigbed xi €600 ohra fix-xahar.

L-attrici ssostni li hija kwalifikata ta’ hairdresser u dak iz-zmien il-konvenut ma kienx ihalliha tahdem, tant li kienet bdiet taghmel xi xoghol ghall-Playmobil fejn kienet taqla’ bejn €300 u €400 fix-xahar. Anke jekk kemm il-darba kienet ippruvat issib xoghol ta’ hairdresser,

fl-2014 kienet sabet xoghol, izda kull ma marret kien ghal tlett ijiem peress li l-konvenut kien qed isegwi l-passi taghha u ghalhekk kellha tieqaf milli tmur ghax-xoghol.

Minn mindu hi u J  kienu telqu mid-dar, il-konvenut ma kienx ghaddielha manteniment sa Dicembru 2022. Tinnega li kien ghadda s-somom ta' €400 u €200 f'okkazzjonijet differenti.

L-attrici tishaq li l-problema tal-konvenut kien il-loghob tal-azzard u kieku ma kienx ikollhom dawn il-problemi finanzjarji.

Tichad li omm il-konvenut kienet tatha xi flus sabiex tixtri karozza, izda kienet xtratha bi flus li kienet wirtet minghand nannitha, fejn kienet wirtet cirka €23, 000 u ghal darb'ohra l-konvenut kien naqqar ftit ftit minnhom.

Kienet anke rnexxielha ggemmgha xi €4000 u meta l-konvenut sar jaf kien jitlobha l-flus u spiccat li kienu intuzaw kollha.

Dwar id-djun li ghamel il-konvenut, tghid li dina kienet l-ewwel darba fil-mori tal-kawza li semghet bihom.

2. **W C** _jispjega li meta kien f'relazzjoni mal-attrici kien ighaddilha s-somma ta' €100 fil-gimgha u €800 fl-ahhar tax-xahar sabiex taghmel tajjeb ghall-bzonnijiet tat-tifel. Dak iz-zmien il-konvenut jikkonferma li kien jahdem ma' Daniels, il-Hamrun u kellu paga ta' cirka €2000, kif  ukoll kien jaghmel xoghol part-time.
L-attrici kienet tircievi  paga  mill-Playmobil u kienet anke taghmel xi xoghol tad-dwiefer ghand ommha. Inoltre, ommu kienet thallsilhom il-kontijiet tad-dawl u ilma u kienet issajjrilhom kollox u ma kienux johorgu xejn. Izid ighid li ommu kienet ukoll sellfet lill-attrici s-somma ta' €3500 biex tixtri l-karozza.

Wara li hassru fl-2019, l-attrici u J  kienu telqu mid-dar u kienu jikkomunikaw permezz tal-messaggi sakemm wara li hassru jghid li l-attrici kienet ibblukjatu. Tul dawn ix-xahrejn ma kienx jara lit-tifel. Kien hemm xi skambjament ta’ xi messaggi u sussegwentement l-attrici kienet ibblukkjatu.

Fl-incident li kien sehh bejniethom peress li ma riedx jiffirma ghat-tifel sabiex jattendi l-iskola post-sekondarja, jichad li qatt refa’ idejh fuq l-attrici jew it-tifel. Minn dakinhar tal-incident ma kienx rah lit-tifel izjed.

Izid ighid li sussegwentement, waqt il-proceduri odjerni, kien iffirma l-applikazzjoni tat-tifel sabiex jattendi l-iskola qatt ma rega’ rah lit-tifel u dan sehh fis-seduta tas-17 ta’ Novembru, 2022. Ighid li kienu qablu ukoll li ghandu jibda jhallas manteniment li jkopri l-ispejjes ta’ sahha u edukazzjoni fir-rata ta’ €200 fix-xahar u ghandu jithallas kull 15-il xhur.

Jinnega li mill-flus li kien ighaddilha kien jerga’ jiehu xi flus lura minhabba l-kundizzjonijiet tat-tifel u li semmai dahket mill-Gvern peress li kienet qed tiehu l-beneficcji ghax ghal xi sitt snin shah meta kienet tghid li tghix ghand ohtha.

In kontro-ezami jikkonferma li mis-17 ta’ Novembru, 2022 beda jhallas €200 manteniment fix-xahar ghat-tifel Jael u qabel dakinhar kien ried itiha €100 fix-xahar, m’accettatx u kien qalilha sabiex idahhlu l-qorti. Sussegwentment kienet ibblokkjatu u ghalhekk ma setax jikkomunika maghha jew mat-tifel.  Illum isibha difficli biex jahdem u ma jistax ihallas izjed,

3. **Daniel Azzopardi**, ghan-nom tal-BNF Bank ikkonferma li mir-ricerki li ghamel irrizultawlu s-segwenti kontijiet bankarji:-

i) Current account numru 62272910001 li ghadu miftuh

ii) Personal loan account numru 62272971001 u ghadu miftuh.[1]

4. **PC 2257 Maria Laetizia Magro** kkonfermat li kienet sabet rapport 5526/2020 li sar mill-attrici fil-konfront tal-konvenut.[2]

5. **Louis Buhagiar** in rapprezentanza ta' Jobs Plus ipprezenta l-employment job history tal-konvenut.[3]

6. **Luke Camilleri** ghan-nom tal-Malta Gaming Authority ipprezenta set *baring form* li giet iffirmata fil-15 ta' Awissu, 2022 ghal sitt xhur. *Baring forms* huma meta plejer jirrealizza li ghandu problema ta' loghob u javvicina kwalsiasi *gaming parlour* jew *casino* f'Malta u jimla' formula, li meta tigi pprocessata ma jithallix jidhol izjed gewwa *gaming premises* jew *casino* gewwa Malta.[4]

7. **PC330 Rodney Azzopardi** pprezenta tlett rapporti li saru mill-attrici kontra l-konvenut.[5]

8. **Ryan Grima** ghan-nom tal-Agenzija Appogg ikkonferma li fil-5 ta' Jannar, 2020 hu u l-kollega tieghu Caroline Ellul gew mitluba sabiex

---

[1] Doks. DA 1 u DA 2
[2] Dok. MM 1
[3] Dok. LB 1
[4] Dok.LC 1
[5] Doks. RA 1

jaghmlu *risk assessment* fuq l-attrici kontra l-konvenut u rrizulta li kien hemm *nine medium risk*.[6]

9. **Johanna Bartolo**, in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc. ikkonfermat li f'isem il-konvenut kien hemm kont wiehed li ghadu miftuh u li jgib in-numru 40025459955,[7]

10. **RC** oht l-attrici tispjega li sabiex tghijex lil binha, l-attrici tahdem kuljum mit-Tnejn sal-Hadd u wara kollox it-tifel ghandu l-problemi tieghu minhabba li jbati minn OCD u qed jaghmel hiltu sabiex wara l-Covid jibda jghix hajja normali.

Izzid tghid li kien hemm zewg okkazzjonijiet fejn kienet hadet loan sabiex tghin il-partijiet. Darba ghaliex kien hemm xi hsarat fid-dar u darb'ohra biex jixtru kompjuter. Kienet anke ssellef il-flus lill-attrici. Inoltre tghid li l-konvenut kien ighir ghall-attrici u ma kienx iridha tahdem. Kienet anke sellfet €1000 lill-konvenut ghax kellu xi problemi fil-karozza. Dawn il-loans kollha thallsu.

Dwar it-tifel tal-partijiet tikkonferma li llum dahal il-MCast. M'ghadux ibati mill-OCD izda ghandu problemi bl-acne u thallas kollox l-attrici biex tikkuralu wiccu.

Tghid ukoll li t-tifel imur il-Karate.

In kontro-ezami tikkonferma li ma kinitx ghamlet karti tas-self li tat peress li huma familjari. Tghid ukoll li l-attrici ghamlet cirka erba' snin

---

[6] Dok. RG 1
[7] Dok. JB 1

tghix maghha ukoll. Tghid li ma tafx li l-attrici kienet nizlet bhala r-residenza taghha l-indirizz t'ohtha ai finijiet tal-beneficcji sabiex tircievi beneficcji addizjonali.

11. **GC** oht l-attrici tikkonferma ukoll li waqt li l-partijiet kienu f'relazzjoni, l-attrici kienet tbati finanzjarjament ghaliex ma kienx iridha tahdem, izda fl-istess hin ma kienx qed ighaddilha bizzejjed flus sabiex tmantni lit-tifel. Di piu' tghid li l-konvenut kellu l-vizzju tal-loghob.

Tghid ukoll li gieli sellfet xi flus lill-attrici kif ukoll lill-konvenut.

Tikkonferma li llum bin il-partijiet jattendi xi korsijiet tad-diving, imur il-karate u l-jujitsu.

Tikkonferma li l-attrici ghandha karozza li kienet xtrat b'flus li kienet wirtet, izda issa l-vettura ghandha problemi u qed tinqeda b'tal linja mentri t-tifel ghandu tmintax-il sena u jkun jista' jibda jsuq dalwaqt.

Dwar l-attrici tghid li toqghod mat-tifel go post mikri, izda kienet applikat mal-Housing Authority sabiex tkun eligibbli ghall-proprjeta' tal-Gvern sabiex thallas il-flus li thallas bhala kera lil Gvern u l-post ikun taghha. Tbati hafna biex taqla' lira.

12. **R C** , hu l-konvenut jikkonferma li l-konvenut kien ighaddi lill-attrici €100 fil-gimgha bhala flus u €800 ohra fix-xahar bhala flus , plus li jikkonferma li l-attrici kienet tircievi beneficcji socjali. Jaf ghax kien ikun prezenti. Dak iz-zmien il-konvenut kien jahdem part-time ukoll u kien jaqla' cirka €1200.

Izid ighid li ommu kienet tat l-attrici €1500 biex xtrat vettura Toyota Vitz. Jinnega li l-attrici kienet wirtet ammont sostanzjali ta' flus u

ghalhekk xtrat il-karozza. Anzi pjuttost kienet wieghdet lil ommu li kienet ser thallasha lura malli tiret il-flus u kienet anke ilmentat li l-familjari taghha ma tantx kienu hallewlha wirt.

Prezentement jikkonferma li l-konvenut ilu ma jahdem xi sitt xhur u qed johorgu l-manteniment ghat-tifel fl-ammont ta' €200 hu u ommu kull xahar.

13. **John Vella** ghan-nom tal-MCast ikkonferma li t-tifel JC jattendi l-MCast u gie rregistrat fis-sena skolastika 2023/2024 u l-kors li qed isegwi huwa Foundation Certificate in Sports.[8]

## KONSIDERAZZJONIJIET

Illi dina l-Qorti tirrileva illi in kwantu jirrigwarda l-ewwel erba' talbiet dwar kura u kustodja u access, il-Qorti mhix ser tidhol fil-mertu taghhom stante li dan gie ezawrit ghaliex it-tifel J illum huwa maggorenni.

## Manteniment

It-tifel J illum huwa maggorenni, izda mir-rizultanzi processwali ghandu jigi rilevat li J prezentement qed jattendi l-MCAST fejn gie registrat ghas-sena skolastika 2023/2024. Kif ikkonferma ben tajjeb John Vella, kap tal-MCast J qed isegwi kors ta' Foundation Certificate in Sports.

[8] Dok. JV 1

Il-ligi Maltija tipprovdi taht l-Artikolu 3B tal-Kodici Civili  li anke jekk tifel tal-partijiet jaghzel li jkompli jistudja fuq bazi full-time huma l-genituri li ghandhom ikomplu jipprovdu ghal binhom.

F'dan il-kaz, hija tassativa li hemm obbligu li jinkombi fuq il-genituri. Dan l-obbligu bhal dejjem jigi deciz skond il-mezzi tal-genituri rispettivi.

J  ighix m'ommu li tipprovdi ghalih peress li tahdem regolarment. Il-konvenut ilu jghaddi s-somma ta' €200 fix-xahar minn 15 ta' Novembru, 2022.

Fix-xhieda tieghu l-konvenut ighid li ma jahdimx u huwa difficli ghalih sabiex isib impjieg u ghalhekk konsegwentement li jonera l-obbligi tieghu.

Madanakollu, l-attrici pproduciet provi li l-konvenut ghandu problemi serji tal-vizzju tal-loghob, tant hu hekk li Luke Camilleri ghan-nom tal-Malta Gaming Authority ipprezenta sett "baring forms" li gew ffirmati mill-konvenut stess. Il-"baring forms" jirrapprezentaw gharfien da parti tal-konvenut stess li l-vizzju tieghu tal-loghob huwa perikoluz u mpedixxa lilu nniffsu milli jersaq lejn xi gaming parlour jew casino f'Malta. Dawn il-forom gew iffirmati fil-15 ta' Awissu, 2012.

Jirrizulta inoltre mix-xhieda ta' RC  , hu l-konvenut li dawn il-€200 manteniment ghat-tifel J  qed jithallsu minnu u minn ommu, stante li l-konvenut ma jahdimx.

Il-Qorti tapprezza li l-konvenut ghamel xi haga ta' gid biex jikkontrolla l-vizzju tal-loghob u fl-istess perjodu beda jhallas manteniment lejn ibnu, izda lanqas huwa sew li ghandhom jerfghu dan il-piz, huh u ommu.

Tenut kont tac-cirkostanzi, il-Qorti thoss li l-ammont ta' manteniment ghandu jibqa' €200 sakemm il-konvenut isib impjieg (li l-Qorti theggu sabiex isibu mill-iktar fis) meta l-manteniment ghandu jizdied ghal €250 fix-xahar.

**<u>Arretrati ta' Manteniment</u>**

Fuq ammissjoni tal-konvenut stess kien waqaf ihallas manteniment lejn ibnu J  sa mis-sena 2019. Dak iz-zmien l-attrici telqet mat-tifel J u ma kellux kuntatt maghhom u kien anke waqaf ighaddi manteniment sakemm fis-seduta tat-22 ta' Novembru, 2002 kienu qablu fuq €200 fix-xahar.

Ghaldaqstant, ghall-perjodu bejn l-1 ta' Jannar, 2019 sa Dicembru, 2022 **<u>il-konvenut ghandu jhallas l-arretrati ta' manteniment li jammontaw ghal €9,600 (€200 x 48 xhur).</u>**

**<u>Spejjez Edukattivi u tas-Sahha</u>**

Rigward dawn l-ispejjez, peress li J  ghadu qed jistudja fuq bazi full-time dawn ghandhom jinqassmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**<u>DECIDE:</u>**

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:-

1. Tastjeni milli tiehu iktar konjizzjoni tal-ewwel erba' talbiet stante li llum it-tifel J huwa maggorenni.
2. Tilqa' l-hames talba attrici in parte u tordna lill-konvenut ihallas lit-tifel J is-somma ta' €200 fix-xahar sakemm isib impjieg part-time jew full-time, fejn is-somma ghandha tizdied ghal €250 fix-xahar.

3. Tilqa' s-sitt talba attrici u tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici l-arretrati ta' manteniment kif fuq gie deciz fl-intestatura "Arretrati ta' Manteniment."

4. Tilqa' s-seba' talba attrici u tordna li l-ispejjes edukattivi u tas-sahha ghandhom jinqassmu bin-nofs.

5. Tilqa' t-tmien talba attrici limitatament fejn jezistu xi beneficcji dovuti li J jista' jkun intitolat ghalihom li johrog il-Gvern kultant zmien.

L-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**Onor. Imhallef Dr.Anthony J. Vella** **Registratur**